MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 11/2009

**Edward Zahra**

**vs**

**Awtorita` ta’ Malta dwar**
**l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-Appell ta’ Edward Zahra personalment - ID 800559(M) datat 25 ta’ Gunju 2009 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi r-rikorrenti kif ukoll Rabat Marbles Limited intavolaw appelli quddiem il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar permezz ta' rikors datat is-7 ta' Settembru 2005, fejn bl-istess rikors huma appellaw minn Avvizi biex Tieqaf u ta' Twettiq datat it-22 ta' Lulju 2005.

Illi l-Awtorita` pprezentat ir-risposta taghha fl-20 ta' Settembru 2005, li biha l-Awtorita` preliminarjament eccepiet illi l-appell gie pprezentat tardivament.

Illi fis-26 ta' Novembru 2008, dan l-appell gie differit ghal decizjoni dwar din l-eccezzjoni preliminari.

Illi nhar l-10 ta' Gunju 2009, il-Bord Tal-Appell Dwar l-Ippjanar iddecidiet li tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` Maltija Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fir-rigward tal-kaz fl-ismijiet **Edward Zahra kontra l-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, izda ma laqghetx din l-eccezzjoni fir-rigward tal-**Awtorita` Maltija Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-kawza kontra Rabat Marbles Limited**.

Illi fir-rigward tal-kawza fl-ismijiet **Edward Zahra vs l-Awtorita Maltija Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** deciza fl-10 ta' Gunju 2009 mill-Bord dwar l-Appell Dwar l-Ippjanar, l-appellant personalment hass ruhu aggravat bis-sentenza moghtija mill-Bord Tal-Appell Dwar l-Ippjanar, u ghalhekk f' ismu personali qieghed jinterponi dan l-umili appell fuq is-segwenti aggravji:-

1. Illi l-aggravju tal-appellant tirrigwarda l-mod ta' kif gie notifikat l-appellant bil-proceduri tal-*enforcement* u tal-avviz ghall-*enforement* datat it-22 ta' Lulju 2005.

Illi d-disposizzjoni applikabbli fll-kaz in dizamina hija l-**artikolu 52(5) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta**, liema artikolu ma tghidx u ma tirregolax b'mod car u ezatt il-mod ta' kif ghandu jigi notifikat l-appellant, f'dan il-kaz Edward Zahra.

Illi l-**artikolu 52(4)** u **52(5) tal-Kap 356** jghidu li l-appellanti ghandu jigi notifikat kemm avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq kif ukoll b'*site plan*.

*Inoltre*, l-**artikolu 52(5) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta** tghid li l-appellant ghandu jigi notifikat b'dan l-avviz u b'dan is-*site plan* u ghandu d-dritt li jirrispondi *entro* hmistax-il gurnata.

Illi l-aggravju tal-appellanti Edward Zahra tirrigwarda fl-ewwel lok, li ma gie pprezentat ebda *site plan* mal-Avviz u ta' Twettiq ECF 598/05, liema dokument qatt ma gie pprezentat lill-appellant u liema dokument ma jirrizulta minn imkien li gie pprezentat lil Edward Zahra mad-dokumenti annessi.

2. Illi t-tieni aggravju tal-appellanti tirrigwarda l-punt li fl-**artikolu 52(5) tal-Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta**, il-ligi ma tistabilixxix b'mod ezatt u b'mod car u inekwivoku kif u *come* jsir tali notifika. F'dan il-kaz, u kif ben innota l-Bord fis-sentenza taghha ma hemm ebda ricevuta tal-konsenja tal-avviz tal-istess *enforcement notice*, liema ricevuta tpoggi lill-appellanti fi zvantagg enormi *stante* li ma hemm ebda mod imparzjali kif tista' ssir il-verifika (ghajr li wiehed joqghod fuq il-kelma tal-*enforcement officers*) tal-gurnata ezatta tan-notifika tal-istess avviz biex tieqaf u ta' twettiq ghall-appellant.

Illi kif il-Bord semmiet u osservat ukoll f'din is-sentenza, ma hemm ebda *'pink card'* u/jew 'ricevuta' u/jew firma tal-appellant li turi tali verifika tal-istess notifika u tal-gurnata ta' din in-notiflka.

Il-fatt li Oreste Galea u l-persuna l-ohra (li t-tnejn xehdu fl-atti tal-kawza quddiem il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar) marru bl-avvizi ghand Edward Zahra u Rabat Marbles u ma gabru ebda prova dokumentarja fil-konfront tal-istess appellanti, certament din il-prova ghandha ixxaqleb favur l-appellanti, liema appellanti hadu l-karti fil-gurnata tal-24 ta' Awwissu 2005 u mhux kif jghidu huma fit-22 ta' Awissu 2005.

Illi bl-akbar rispett, il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar waslet f'decizjoni zbaljata limitatament ghad-decizjoni li tat fil-konfront ta' Edward Zahra *stante* l-fatt li jekk hemm biss prova orali min-naha wahda u prova orali min-naha l-ohra, l-Bord ma tistax tasal sabiex tikkundanna lill-appellant mid-drittijiet tieghu li jiddefendi ruhu quddiem l-istess Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar, liema Awtorita` Dwar L-Ipjanar

certament ma gietx pregudikat minhabba din il-kwistjoni ta' gurnata jew tnejn.

Illi bl-akbar rispett din il-Qorti ghandha ben tinnota li kemm Oreste Galea kif ukoll il-persuna l-ohra li mar bid-dokumenti sabiex jinnotifikaw lil Rabat Marbles Limited u lil Edward Zahra personalment, huma persuni impjegati tal-MEPA, liema persuni ghandhom kull interess (u certament mhux interess imparzjali) li jaraw li l-imsemmi appellant jigi imcahhad mid-drittijiet tieghu li jirrispondi u li jirribatti tali *enforcement notice*.

Illi bl-akbar il-**Kap 356 tal-Ligijiet ta' Malta** thalli diversi *lacunae* fid-disposizzjonijiet taghha tal-mod kif bniedem ghandu jigi notifikat b'dokumenti ta' *enforcement*, liema nuqqas tal-mod ta' kif ghandu jigi notifikat persuna tista' tohloq abbuzi serji li jippregudikaw lill-appellant fil-kawza tieghu quddiem il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar.

Illi bl-akbar rispett, il-fatt li ma hemm ebda firma li l-appellanti rcevew id-dokumenti u l-karti minghand l-Awtorita` tal-Ippjanar (kif generalment isir) ghandha tmur a favur tal-appellanti liema appellanti fl-ahhar mill-ahhar gabu diversi provi sabiex juru li kienet l-24 ta' Awwissu 2005, li kienet il-gurnata li rcevew id-dokumenti ghall-avvizi biex tieqaf u ta' twettiq.

Illi ghaldaqstant, l-appellant personalment jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza u thassar dik il-parti tas-sentenza moghtija mill-Bord tal-Appell Dwar l-Ipjjanar fl-ismijiet **Edward Zahra vs l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u tal-Ippjanar**, limitatament u unikament ghal Edward Zahra (u mhux ghal Rabat Marbles Limited), u tordna li din l-appell tal-istess appellant personalment fir-rigward ta' Edward Zahra personalment, jigi milqugh, u dan taht dawk il-provvedimenti kollha opportuni u necessarji li din il-Qorti thoss li huma opportuni fic-cirkostanzi, inkluz u jekk hemm zonn li l-atti tal-kawza jmorru lura quddiem il-Bord Tal-Appell Dwar l-Ippjanar sabiex il-kaz jitkompla quddiem l-istess Bord kompetenti.

Bl-ispejjez kontra l-appellati.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 30 ta’ Novembru 2009 a fol 8 tal-process fejn espona bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament l-appell interpost huwa null *stante* illi appell quddiem din il-Onorabbli Qorti minn decizjoni preliminarja tal-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar jista’ jsir biss flimkien mad-decizjoni finali tal-istess Bord, u dan skont il-provvedimenti tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356**. Illi d-decizjoni tal-Bord tal-Appelli tal-10 ta' Gunju 2009 kienet wahda preliminarja *stante* illi laqghat l-eccezzjoni tat-tardivita` tal-prezentata tal-appell da parti tal-appellant Zahra, izda cahdet l-istess eccezzjoni fil-konfront tal-appellant l-iehor Rabat Marbles Limited u ordnat illi l-appell interpost minn Rabat Marbles Limited jitkompla jinstema’ fis-16 ta' Settembru 2009. Illi ghaldaqstant, *stante* illi l-appell quddiem il-Bord tal-Appelli gie pprezentat *tramite* rikors wiehed ta’ zewg appellanti, l-appell da parti tal-appellant Zahra kellu jsir flimkien u wara d-decizjoni finali tal-istess appell.

2. Illi minnghajr pregudizzju ghas-suepost, jinghad ukoll illi preliminarjament l-appell interpost mill-appellant huwa null *stante* li ma sarx skont l-**artikolu 15 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar talzvilupp (Kap.356)** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Dan kien konfermat diversi drabi b’sentenzi ta’ din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996); **Anthony Borg vs L-Awtorita` tal-Ippjanar** (Qorti tal-Appell - decizjoni tal-24 ta’ April 1996); **Francis Mugliett vs L-Awtorita` tal-Ippjanar**" (Qorti tal-Appell - decizjoni tal-31 ta’ Mejju 1996); **Zaren Camilleri vs Awtorita` tal-Ippjanar** (decizjoni tat-28 ta’ Frar 1997 - Qorti tal-Appell): **Joseph Attard vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (Apepll numru 13/01 RCP deciz fit-

28 ta’ Ottubru 2002); **Tonio Azzopardi vs Awtorita` tal-Ippjanar** (decizjoni tat-28 ta' Ottubru 2002).

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi bir-rispett sottomess illi l-unika aggravvju tal-appellant huwa illi l-Bord tal-Appell ghamel konstatazzjoni fattwali zbaljata meta l-istess Bord iddikjara illi l-verzjoni tal-fatti kif ipprezentata mill-ufficjali tal-Awtorita` appellta kienu izjed kredibbli mill-verzjoni tal-fatti kif pprezentata mill-appellant.

4. Illi bis-rispett kollu, dan huwa proprju l-evalwazzjoni tal-provi mressqa quddiem il-Bord tal-Appelli fil-kuntest tal-appell sottomess quddiemu. Illi dan il-punt irid jigi kkunsidrat ukoll fil-kuntest illi tali prova, u cioe` meta gie notifikat l-appellant Zahra bl-Avviz Biex Tieqaf u ta’ Twettieq. Il-Bord ma ghamel l-ebda interpretazzjoni u ma ha l-ebda decizjoni fuq xi punt ta’ dritt, *stante* illi kull ma stabilixxa l-istess Bord kien id-data ta’ meta l-appellant gie notifikat bl-avviz, u xejn izjed.

5. Illi l-appellant ma jistax jippretendi illi hawnhekk, il-Bord interpreta jew ta xi decizjoni fuq xi punt ta’ dritt, *stante* illi kull ma ghamel il-Bord kien konstatazzjoni fattwali dwar jekk id-data tan-notifika kif allegata mill-awtorita` appellata, kinetx dik, jew data ohra kif allegat mill-appellant. Illi dan *in vista* tal-fatt illi l-Ligi ma timponi l-ebda obbligu legali dwar kif tali notifika ghandha jew kellha ssir, u l-Bord ikkonferma illi l-ufficjali tal-Awtorita` esegwew korrettament in-notifika tal-avviz.

6. Illi l-appell interpost mill-appellant odjern, mhuwiex dwar jekk in-notifika saritx tajjeb jew hazin, izda dwar jekk il-Bord kellux joqghod fuq il-verzjoni tal-ufficjali tal-Awtorita` jew fuq il-verzjoni tal-appellant. Huwa minnu illi l-Bord qal illi kien ikun ahjar li kieku l-istess ufficjali kienu hargu ricevuta tan-notifika, izda fl-ebda stadju ma intqal li dan kien xi obbligu jew li l-istess ufficjali naqsu minn xi obbligu legali iehor impost fuqhom.

7. Illi l-Bord kien sodisfatt illi l-verzjoni tal-ufficjali kienet korraborata mill-fatt illi huma kienu nizzlu minuta ufficjali

fil-*file* relattiv <u>*a tempo vergine*</u>, u kkunsidra illi d-deposizzjoni orali taghhom korraborata minn dan il-fatt kienet izjed kredibbli minn dak sottomess mill-appellant. Dan qieghed jinghad minhabba s-sottomissjoni frivola u gratwita illi l-ufficjali tal-awtorita` ghandhom kull interess li jdawru l-verzjoni taghhom sabiex “l-appellant jigi mcahhad mid-drittijiet tieghu”, allegazzjoni serja li dwarha l-Awtorita`, li mhux biss qieghda tigi presenzjalment michuda, izda li dwarha l-Awtorita` appellata, u l-ufficjali *de quo*, jirriservaw il-posizzjoni taghhom.

*In vista* tal-premess, l-Awtorita` esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell tal-10 ta' Gunju 2009 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant u tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 11 ta’ Jannar 2010 a fol 16 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **“Rabat Marbles vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”**.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tal-11 ta’ Mejju 2010 meta ssejjah l-appell deher Dr. Mark Attard Montalto ghall-appellant. L-appell gie pospost. Meta rega’ issejjah l-appell deher Dr. Ian Stafrace li rrimetta ruhu ghall-atti. Dr. Mark Attard Montalto msejjah diversi drabi ma deherx. L-appell gie differit ghas-sentenza ghat-28 ta’ Ottubru 2010.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-ewwel eccezzjoni li tqajjmet mill-awtorita’ intimata ghal dan l-appell hija li dan l-appell ma setghax isir peress li

dan huwa appell minn decizjoni preliminari li almenu skont is-**sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 15 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta** ma tistax issir hlief mad-decizjoni finali fil-kaz in ezami.

Illi allura jehtieg l-ewwel u qabel kollox li jigi nvestigat dan il-punt ta' nullita' sollevat mill-Awtorita` appellata u dan ghaliex jekk tali eccezzjoni tirnexxi allura l-appell ma jkunx jista jitkompla u b'hekk l-atti jintbaghtu lura lill-Bord sabiex huwa jkompli jiddisponi mill-kaz skont il-ligi.

Illi jkun utili f'dan l-istadju li jigi kkwotat is-**sub-artikolu 2 ta' l-artikolu 15** ta' l-**Att Numru 1 ta' l-1992**:

*"(2) Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita* skont *l-**artikolu 41 (6)** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi l-kliem tal-ligi hawn appena citata huwa car u ma tantx ihalli lok ghal interpretazzjoni differenti. Dan l-appell ma seta` qatt jigi ntavolat f'dan l-istadju izda *se mai* kellu jsir dan l-appell wara li tinghata d-decizjoni finali mill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar u hawn issir riferenza ghad-decizjonijiet **"John Mary Deguara vs Awtorita' ta' L-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) -24 ta' Marzu 2003); **"L-Arcidjakonu tal-Kattidral vs Awtorita' ta' L-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' Novembru 2004); u **"Joseph Difesa vs L-Awtorita' ta' Malta dwar L-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) - 26 ta' Mejju 2004).

Illi applikati l-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li kemm l-appellanti odjern u kemm is-socjeta' Rabat Marbles Limited kienu interponew appell wiehed u konguntiv quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar (Bord) fis-7 ta' Settembru 2005 minn Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq Numru ECF 598/05 (l-Avviz) datat 22 ta' Lulju 2005, u b'decizjoni tal-Bord datata 10 ta' Gunju 2009 giet milqugha l-eccezzjoni tal-Awtorita' intimata fil-konfront tal-

appellanti Edward Zahra *proprio* ghaliex inghad li l-appell tieghu sar *fuori termine*. Tenut kont tal-fatt li sar appell uniku miz-zewg appellanti quddiem il-Bord, din id-decizjoni li trattat biss il-posizzjoni tal-appellant odjern, hija ghalhekk decizjoni parzjali u ghalhekk appell minnha jista' jsir biss flimkien u ma' appell mis-sentenza finali mill-istess Bord li sallum il-kaz ghadu pendenti quddiemu. Illi ghalhekk l-appell odjern qed jigi ddikjarat bhala null u bla effett u qed tigi milqugha l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita' intimata.

Illi b'riserva ghal dak li ser jinghad iktar il-quddiem, din il Qorti thoss li anke kieku kkonsidrat fil-mertu l-appell odjern huwa wkoll bla ebda bazi legali u dan ghaliex jigi nnutat li l-aggravju principali tal-appellant huwa essenzjalment li la darba **l-Kap 356** ma jipprovdix kif ghandu jigi notifikat l-Avviz biex Tieqaf ta' Twettiq, l-istess Bord ma kellux jaccetta l-versjoni tal-ufficjali tal-MEPA, li huma skont l-appellant persuni nteressati fil-process, izda kull dubju kellu jmur favur l-appellant.

Illi fl-opinjoni ta' din l-Qorti dan ma jammontax ghall-punt ta' dritt li dwaru hemm dritt ta' appell quddiem din il-Qorti u dan skont kif provdut fl-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356,** u dan ghaliex kull ma dan l-appell jikkonsisti huwa li fil-fatt l-appellant qed jistieden lil din il-Qorti sabiex taghmel evalwazzjoni mill-gdid tal-provi migjuba quddiem il-Bord dwar meta l-appellant odjern kien notifikat personalment bl-istess Avviz, u dan jew fit-22 ta' Awissu 2005, kif sostnew l-ufficjali tal-MEPA Ray Scicluna u Oreste Galea, kif innuttat fil-minuta numru 13 fil-file tal-Avviz, jew kif xehed l-appellant u diversi xhieda ohra fl-24 ta' Awwissu 2005. Il-Bord ta kredibilita' lill-versjoni tal-istess ufficjali, u dan huwa fih innifsu punt ta' fatt li ma huwiex suggett ghall-appell quddiem din il-Qorti.
Illi dwar it-tieni punt li cjoe' ma kienx hemm ebda *site plan* ma' l-Avviz meta dan gie notifikat lill-appellanti odjern, din il-lamentela ma tistax tigi ikkunsidrata f'dan l-istadju la darba l-appell tar-rikorrenti gie dikjarat li sar *fuori termine* u huwa null u bla effett. Jinghad ukoll li dan il-punt qatt ma tqajjem quddiem il-Bord u fil-fatt lanqas jissemma fl-appell tar-rikorrenti quddiem l-istess Bord. Fuq dan il-punt din il-

Qorti thoss li ghandha tieqaf hawn u dan anke in vista ta' dak hawn deciz.

Illi ghalhekk l-appell odjern tal-appellanti Edward Zahra qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tar-risposta tal-Awtorita' intimata datata 30 ta' Novembru 2009, u l-eccezzjonijiet l-ohra ndikati fl-istess risposta in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellant Edward Zahra skont ir-rikors tal-appell tieghu tal-25 ta' Gunju 2009** *stante* li huwa null u bla effett ghar-ragunijiet hawn decizi.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu tal-appellant Edward Zahra.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------